MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru. 618/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Shawn Galea**

Kumpilazzjoni Numru 618/2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shawn Galea, ta' 16 il-sena, iben Raymond u Catherine nee' Grech, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Mejju, 1984 u residenti fil-fond 'Raymond Farmhouse', Delimara limiti ta' Marsaxlokk u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 230994M.

1 Akkuzat talli f' Birzebugia fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju, 2010, fi Triq Herakles ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gol-fond 'scrap yard', liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur il jeccedi s-somma ta' €232.93 izda inqas minn €2329.37, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Carmelo Bonnett;

2 Kif ukoll talli fil-perijodu fuq imsemmi u fix-xhur ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer, saq vettura ta' l-ghamla Isuzu li ghandha numru tar-registrazzjoni FBF-302, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghjar ma kellek licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b' hekk ma kontx kopert b' polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat l-artikoli 37, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 267, 269, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 20 ta' Lulju 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-eta ta' l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-parti l-kbira tar-res furtiva giet irkuprata; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli l-artikoli 37, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263. 267, 269, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ta' l-ewwel imputazzjoni b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar; u tat-tieni imputazzjoni tikkundannah ammenda ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) li ghandha tithallas fi zmien xahar u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------